# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 15 ta' Lulju 2025**

**Nru: 16**

**Rikors Nru. 812/2023**

**Victor Bonavia**

**u**

**Bonavia Properties Limited**

**v**

**Samuel Baldacchino**

**Kawża tal-lum**

1. Victor Bonavia huwa ħabib l-intimat, Samuel Baldacchino. L-intimat issellef diversi somom mingħand ir-rikorrent u mingħand is-soċjetà rikorrenti 'Bonavia Properties Limited', f'liem soċjetà s-sur Bonavia huwa l-uniku azzjonist.[1]

2. L-ewwel self sar permezz ta' skrittura privata fil-25 ta' April 2006.[2] Dakinhar l-intimat issellef is-somma ta' Lm 6,650 mingħand is-soċjetà rikorrenti sabiex ikollu biżżejjed biex iħallas id-depożitu għax-xiri tad-dar t'ommu. Minn din is-somma s-soċjetà rikorrenti tħallset lura s-somma ta' Lm 5,700.[3]

[1] Ara l-affidavit ta' Victor Bonavia f'paġni 35-36.
[2] Ara l-ftehim ta' bejn Victor Bonavia għan-nom ta' Bonavia Properties Limited u Samuel Baldacchino tal-25 ta' April 2006 f'paġna 37.
[3] Ara l-ftehim ta' bejn Victor Bonavia għan-nom ta' Bonavia Properties Limited u Samuel Baldacchino tat-13 ta' Novembru 2006 f'paġna 38.

3. Tul il-medda tas-snin, l-intimat issellef ammonti varji oħra mir-rikorrenti u dana sabiex jifdi ċens, jixtri vann, jirranġa mutur tal-ħart, jippreżenta applikazzjonijiet għall-permessi tal-iżvilupp, u biex iressaq u jiddefendi ruħu f'kawżi fil-qorti.[4] L-ammonti mislufa kif ukoll l-ammonti li tħallsu lura mill-intimat ġew indikati fuq l-iskeda annessa mar-rikors ġuramentat f'paġni 5-10.[5]

4. Għalkemm l-intimat dejjem irrikonoxxa li għandu jagħti dawn il-flejjes lir-rikorrenti, huwa baqa' jwiegħed lir-rikorrenti li kien ser isalda d-dejn tiegħu kif huwa jbiegħ xi proprjetà. Il-bejgħ ta' din il-proprjetà baqa' ma seħħx u peress li r-rikorrenti għadhom ma tħallsux l-ammont dovut lilhom, huma sejjħu lill-intimat bl-ittra uffiċjali tat-13 ta' Frar 2019 sabiex jaddivjeni għall-ħlas ta' €50,961.61 rappreżentanti l-bilanċ dovut minnu fuq self brevi manu.

5. Peress li dana baqa' inadempjenti, huma fetħu din il-kawża fil-25 ta' Lulju 2023. Fir-rikors ġuramentat dawn qed jitolbu lil din il-qorti sabiex:-[6]

   i. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tar-rikorrenti jew min minnhom;
   ii. Tillikwida anki bl-opera ta' periti nominandi dik is-somma dovuta mill-konvenut lir-rikorrenti jew min minnhom;
   iii. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lir-rikorrenti jew min minnhom dik is-somma hekk likwidata.
   iv. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u tal-ittra ufficjali preżentata kontra l-konvenut u bl-imghax kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

6. L-intimat ġie nnotifikat bir-rikors ġuramentat fit-30 ta' Ottubru 2023. Huwa ma ppreżentax risposta ġuramentata fit-terminu stipulat mil-liġi u ġie ddikjarat kontumaċi fit-8 ta' Marzu 2024.[7] Huwa ngħata l-opportunità li jressaq nota ta' sottomissjonijiet skont l-artikolu 158(10) tal-Kap. 12, iżda m'eżerċitax din il-fakoltà u għalhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza.[8]

---

[4] Ara l-affidavit ta' Victor Bonavia f'paġni 35-36.
[5] Ara l-iskeda ta' ħlasijiet f'paġni 5-10, u l-iskeda riveduta f'paġni 39-50. Ara kopji tal-kontijiet bankarji f'paġni 51-91.
[6] Ara r-rikors ġuramentat ta' Victor Bonavia u Bonavia Properties Limited f'paġni 1-4.
[7] Ara l-verbal tal-qorti tat-8 ta' Marzu 2024, f'paġna 32.
[8] Ara d-digriet tal-qorti tas-7 ta' Mejju 2025 f'paġna 98.

**Analiżi tal-qorti**

7. Fid-data meta nfetħet din il-kawża, l-ammont dovut mill-intimat kien ta’ €50,961.61. Fil-mori tal-kawża, ir-rikorrenti tħallsu s-somom ta’ €500 fit-23 ta’ Mejju 2024, €500 fit-30 ta’ Ġunju 2024, €200 fit-2 ta’ Awwissu 2024, u €200 fil-31 ta’ Awwissu 2024.[9]

8. B’hekk wara li jinqatgħu dawn il-ħlasijiet li jammontaw għal €1,400, id-dejn tal-intimat jiġi jammonta għal €49,561.61; minn din is-somma, €32,118.54 jmissu lis-soċjetà rikorrenti u €18,843.06 jmissu lir-rikorrent.[10]

**Parti deċiżiva**

9. Għaldaqstant, din il-qorti qiegħda:-

   a. tiddikjara li l-intimat Samuel Baldacchino huwa d-debitur tar-rikorrent Victor Bonavia fl-ammont ta’ €18,843.06;

   b. tiddikjara li l-intimat Samuel Baldacchino huwa d-debitur tas-soċjetà rikorrenti Bonavia Properties Limited fl-ammont ta’ €32,118.54; u

   c. tordna lill-intimat Samuel Baldacchino sabiex iħallas l-ammont ta’ €18,843.06 lir-rikorrent Victor Bonavia u l-ammont ta’ €32,118.54 lis-soċjetà rikorrenti ‘Bonavia Properties Limited’.

Bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza. L-ispejjeż tal-kawża inkluż tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju u tal-ittra uffiċjali a karigu ta’ Samuel Baldacchino.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur

---

[9] Ara l-affidavit ta’ Victor Bonavia f’paġni 35-36. Ara wkoll l-iskeda ta’ ħlasijiet f’paġni 5-10, l-iskeda riveduta f’paġni 39-50 u kopji tal-kontijiet bankarji f’paġni 51-91.
[10] Ibid.